

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 214/2015****tal-25 ta' Settembru 2015****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/521]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/646 tat-23 ta' April 2015 skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kulturi tal-batterji intenzjonati li jirriduċu s-solidi organiċi u li jitqiegħdu fis-suq għal dak il-għan ⁽¹⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/655 tat-23 ta' April 2015 skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-formulazzjoni bbażata fuq il-polidimetilsilossan li tqiegħed fis-suq għall-kontroll tan-nemus ⁽²⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 12nnc (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/402/UE) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE:

- "12nnd. **32015 D 0646**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/646 tat- 23 ta' April 2015 skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kulturi tal-batterji intenzjonati li jirriduċu s-solidi organiċi u li jitqiegħdu fis-suq għal dak il-għan (ĠU L 106 24.4.2015, p. 79).
- 12nne. **32015 D 0655**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/655 tat- 23 ta' April 2015 skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-formulazzjoni bbażata fuq il-polidimetilsilossan li tqiegħed fis-suq għall-kontroll tan-nemus (ĠU L 107, 25.4.2015, p. 75)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/646 u (UE) 2015/655 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-26 ta' Settembru 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

⁽¹⁾ ĠU L 106, 24.4.2015, p. 79.

⁽²⁾ ĠU L 107, 25.4.2015, p. 75.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Ingrid SCHULERUD
